BORD
tal-koperattivi

Bord tal-Koperattivi

Dar il-Koperattivi, 105, Triq Melita, Valletta VLT 1121
Tel: 2122 0115, 2123 8588
Email: info.coopsboard@gov.mt

CB 3/89; CB 7/09

1 ta' Marzu 2016

**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI (LĠA) 2016**

**(Għeluq is-sena finanzjarja 31 ta' Diċembru 2015)**

Il-Bord tal-Koperattivi jfakkrek li l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi Nru. XXX ta' l-2001 jistipula li kull koperattiva għandha ssejjaħ Laqgħa Ġenerali Annwali mill-Kumitat tat-Tmexxija u li din għandha ssir malajr kemm jista' jkun, **iżda mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2016.**

L-artikli 65 (1) u 65 (2) ta' l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi Nru. XXX ta' l-2001 jistipulaw hekk kif imniżżel hawn taħt:

*Laqgħa ġenerali annwali.*

*65. (1) Kull soċjeta` għandha tipprovdi fl-istatut tagħha li tissejjaħ laqgħa ġenerali annwali mill-kumitat tat-tmexxija u li din issir malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn sitt xhur, wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, u tista' wkoll tipprovdi għal laqgħat ġenerali oħrajn.*

*(2) Avviż ta' kull laqgħa ġenerali għandu jingħata bil-miktub lil kull membru jew delegat li jkollu dritt jattendi għal-laqgħa. Dak l-avviż għandu jingħata għall-anqas ħmistax-il ġurnata sħaħ qabel id-data tal-laqgħa:*

**Għaldaqstant, kull koperattiva għandha jkollha d-data tal-LĠA deċiża u mgħarrfa lill-membri tagħha sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2016.**

Jekk din id-data ma tiġix osservata, il-Bord tal-Koperattivi javża lill-Kumitat tat-Tmexxija li ser jittieħdu l-miżuri kollha, kontemplati fl-Att imsemmi.

Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tat-Tmexxija huwa mitlub li jinfurmana bil-miktub meta ser issir din il-laqgħa, u jibgħat din l-informazzjoni fl-indirizz postali ta' "Dar il-Koperattivi", 105, Triq Melita, Valletta, VLT 1121 jew fuq l-indirizz elettroniku info.coopsboard@gov.mt, minnufih kif tkun deċiża d-data iżda **mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju 2016.**

**Rennie Azzopardi**
**Kap Eżekuttiv**
**Uffiċċju tal-Bord tal-Koperattivi**

**mc**